	Other species	Speċijiet oħra	FAO 58.5.2 Antartiku (OTH/F5852)	50	50	0%	50	0%	(3)
ANNEX IF - IX-XLOKK TAL-OĊEAN ATLANTIKU - ŻONA TA' KONVENZJONI TAS-SEAFO									
<i>Beryx spp.</i>	Alfonsinos	Alfonsinos	SEAFO (ALF/SEAFO)	200	200		200		(4)
<i>Chaceon spp.</i>	Deep-sea Red crab	Granċ Aħmar tal-Fond	Sottodiviżjoni B1 tas-SEAFO (GER/F47NAM)	200	200		200		(4)
<i>Chaceon spp.</i>	Deep-sea Red crab	Granċ Aħmar tal-Fond	SEAFO minbarra s-sottodivizjoni B1 (GER/F47X)	200	200		200		(4)
<i>Dissostichus eleginoides</i>	Patagonian Toothfish	Pixxisinna Patagonjan	Is-Sottożona D tas-SEAFO (TOP/F47D)	276	276		276		(4)
<i>Dissostichus eleginoides</i>	Patagonian Toothfish	Pixxisinna Patagonjan	Is-Sottożona D tas-SEAFO (TOP/F47D)	0			0		
<i>Hoplostethus atlanticus</i>	Orange roughy	Mera tal-Atlantiku	Sottodiviżjoni B1 tas-SEAFO (ORY/F47NAM)	0	0		0		(4)
<i>Hoplostethus atlanticus</i>	Orange roughy	Mera tal-Atlantiku	SEAFO, minbarra s-Sottodiviżjoni B1 (ORY/F47X)	50	50	0%	50	0%	(4)
<i>Pseudopantaceros spp</i>	Pelagic armourhead		SEAFO (EDW/SEAFO)	143			143		
ANNEX IG - TONN TAN-NOFSINHAR – IŻ-ŻONI KOLLHA									
<i>Thunnus maccoyii</i>	Southern bluefin tuna	Tonna tan-Nofsinhar	Qabdiet inċidentali fiż-żoni kollha (SBF/F41-81)	10	10	0%	10	0%	

<i>Isem l-ispeċi bil-Latin</i>	Isem l-ispeċi bl-Ingliż	Isem l-ispeċi bil-Malti	Żona tas-sajd ICES	KUNSILL TACs 2015 (UE)	KUNSILL TACs 2014 (UE)	KUNSILL % paragun 2015/2014	Proposta tal-KUMMISSJONI għall-2015	paragun TAC Kunsill 2014 / Prop. Kumm. 2015	Noti
ANNESS IH - IŻ-ŻONA TA' KONVENZJONI TAD-WCPFC									
<i>Xiphias gladius</i>	Swordfish	Pixxispad	Iż-żona tad-WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20° S	3.170	3.170	0%	3.170	0%	
ANNESS IJ - IŻ-ŻONA TA' KONVENZJONI TAS-SPRFMO									
Trachurus murphyi	Jack mackerel	Sawrell	Iż-żona ta' Konvenzjoni tas-SPRFMO (CJM/SPRFMO)	Għandha tiġi stabbilita	Għandha tiġi stabbilita		Għandha tiġi stabbilita		

Noti:

- (1) Stokkijiet fl-ilmijiet Norveġiżi: l-ebda opportunitajiet ta' sajd sakemm ikunu għaddejjin il-konsultazzjonijiet dwar dawk l-arranġamenti għall-2014.
- (2) Stokkijiet kondiviżi man-Norveġja: opportunitajiet proviżorji tas-sajd soġġetti għall-ftehimiet bilaterali tas-sajd man-Norveġja, sakemm ikunu għaddejjin il-konsultazzjonijiet dwar dawk l-arranġamenti għall-2014.
- (3) It-TACs adottati mill-Kummissjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartiku (CCAMLR) mhumiex allokat lill-membri tas-CCAMLR u għalhekk is-sehem tal-Unjoni mhux determinat.
- (4) Dawn it-TACs mhumiex allokat lill-membri tal-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) u għalhekk is-sehem tal-Unjoni mhux determinat.

Opportunitajiet tas-sajd għall-2015 fil-Baħar l-Iswed

Il-ministri laħqu qbil politiku dwar regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2015 għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed ([15830/14 ADD 1](#)) abbażi ta' kompromess tal-Presidenza, imfassal bi qbil mal-Kummissjoni.

Il-Kunsill ser jadotta dan ir-Regolament, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti, permezz ta' proċedura bil-miktub.

L-element ewlieni tal-kompromess tal-Presidenza approvat mill-Kummissjoni huwa tiġdid fil-qabdiet totali permissibbli (TACs) tal-UE fil-Baħar l-Iswed għall-barbun imperjali u l-laċċa kaħla.

It-tabella li ġejja tistabbilixxi l-valuri indikattivi tat-TACs fil-Baħar l-Iswed għall-2015 meta mqabbla ma' dawk għall-2014 u l-proposta tal-Kummissjoni.

<i>Isem l-Ispeċi bil-Latin</i>	Isem l-ispeċi bl-Ingliż	Isem l-ispeċi bil-Malti	Żona tas-sajd tal-ICES	KUNSI L TACs 2015	KUNSI L TACs 2014	KUNSI L paragun 2015/2014	Proposta tal-KUMMISSJONI għall-2015	paragun tat-TAC 2014 tal-Kunsill / Proposta tal-Kummissjoni 2015
<i>Psetta maxima</i>	Barbun imperjali	Barbun imperjali	Baħar l-Iswed (TUR/F3742C)	86.4	86.4	0%	74	-15%
<i>Sprattus sprattus</i>	Sprat	Sprat	Baħar l-Iswed (SPR/F3742C)	11 475	11 475	0%	11 475	0%

Il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati qablu li kien adatt li jiġu rinfurzati l-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ biex jiġi indirizzat ir-rappurtar inkorrett ta' sajd illegali għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed. Tali miżuri ġew żviluppati b'mod konġunt mill-Istati Membri kkonċernati u l-Kummissjoni mill-2012.

Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li l-kooperazzjoni reġjonali eżistenti dwar is-sajd fil-Baħar l-Iswed għandha tissaħħaħ aktar biex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet f'din iż-żona b'mod partikolari fil-qafas tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) u li kull wieħed minnhom jieħu azzjoni f'konformità mal-kompetenza tiegħu inkluż l-istabbiliment possibbli ta' miżuri ta' ġestjoni internazzjonali, bħal pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul.

Peress li d-dispożizzjonijiet eżistenti huma applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2014, ir-Regolament ser japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

AGRIKOLTURA

Konklużjonijiet

Għadd kbir ta' Stati Membri appoġġaw il-konklużjonijiet tal-Presidenza dwar **it-tisħiħ tal-politiki tal-UE għall-bdiewa żgħażaġh**, li jesploraw soluzzjonijiet possibbli li jikkomplementaw l-għodod tal-PAK favur bdiewa żgħażaġh biex jitnaqqsu l-ostakli eżistenti għad-dħul f'dan is-settur ([\(ara d-dokument\)](#)).

Il-Kunsill adotta wkoll konklużjonijiet dwar **ir-rata ta' żbalji għall-infiq agrikolu**. ([\(ara d-dokument\)](#)).

Il-futur tas-settur tal-ħalib

Il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-futur tas-settur tal-ħalib ([16764/14](#)) u ħadu nota ta' talba mill-Polonja għal miżuri addizzjonali għas-suq tal-ħalib ([16550/14](#)).

Fid-dawl tad-deterjorazzjoni reċenti tal-kundizzjonijiet fis-suq tal-prodotti tal-ħalib u fid-dawl ta' tmiem li ġej tal-kwoti tal-ħalib, il-parti l-kbira tal-Istati Membri qiesu li l-volatilità tas-suq kienet waħda mill-preokkupazzjonijiet u l-isfidi ewlenin għall-futur qarib. Filwaqt li xi delegazzjonijiet appellaw għal aktar miżuri biex tittaffa din il-volatilità, oħrajn qiesu li x-"xibka ta' sikurezza" eżistenti toffri biżżejjed protezzjoni lis-settur tal-ħalib u l-ewwel għandha tiġi implimentata b'mod korrett.

Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet laqgħu l-istabbiliment tal-Osservatorju tas-Suq Ewropew tal-ħalib (EMMO) iżda xi wħud indikaw li din l-għodda tista' tittejjeb b'data aktar aġġornata u disponibbli minnufih jew billi jittieħed kont mhux biss tal-prezzijiet tal-ħalib iżda wkoll ta' indikaturi oħra.

Dwar l-azzjonijiet li jistgħu jgħinu lill-bdiewa jiffaċċjaw il-konsegwenzi possibbli ta' tmiem il-kwoti tal-ħalib, kien hemm opinjonijiet diverġenti bejn l-Istati Membri dwar il-possibbiltà li jiġu ffaċilitati l-pagamenti ta' levies speċjali għall-qbiż tal-kwoti fis-sena 2014/2015, permezz ta' pagamenti parzjali mingħajr imgħax. Xi Stati Membri ddispjaci hom li introduzzjoni faċli korretta biex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni wara t-tmiem tas-sistema tal-kwoti ma ġietx stabbilita xi xhur ilu.

Il-Kummissjoni nnutat li l-produzzjoni tal-ħalib fl-UE żdiedet konsiderevolment f'dawn l-aħħar xhur f'xi Stati Membri. Hija enfasizzat ukoll li filwaqt li kien ġie osservat tnaqqis fil-prezzijiet tal-ħalib f'diversi Stati Membri, is-settur ma kienx meqjus li jinsab fi kriżi.

Biedja organika

Il-Kunsill kellu dibattitu politiku u ħa nota tad-dokument imħejji mill-Presidenza u l-appoġġ wiesa' għall-anness li jistabbilixxi orjentazzjoni politika dwar il-proposta dwar il-biedja organika ([16628/14](#)).

Wara d-diskussjonijiet fil-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu, il-Presidenza għamlet hilita biex tindirizza t-tħassib espress mill-Istati Membri u pproponiet:

- tnaqqis sinifikanti fl-għadd u l-ambitu ta' atti delegati;
- iż-żamma tal-istatus quo fir-rigward tal-irziezet imħalltin (fejn hemm kemm produzzjoni organika kif ukoll mhux organika);
- l-introduzzjoni ta' derogi għall-użu ta' żrieragħ mhux organiċi, annimali mhux organiċi u ħut li għadu qed jikber mhux organiku, f'konformità mar-regoli eżistenti;

Il-proposta għandha l-għan li tirrieżamina l-leġislazzjoni eżistenti dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li temenda r-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali (li għadu ma ġietx adottat - ara hawn taħt) bl-oġettiv li jitneħħew l-ostakoli għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika fl-UE, biex b'hekk tkun garantita kompetizzjoni ġusta għall-bdiewa u l-operaturi u titjeb tal-fiduċja tal-konsumatur fil-prodotti organiċi.

Rapporti ta' progress dwar proposti leġislattivi

Il-Kunsill ħa nota tar-rapporti tal-Presidenza dwar il-progress miksub matul it-tieni nofs tal-2014 dwar għadd ta' proposti leġislattivi li bħalissa qed jiġu eżaminati mill-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu.

– *Skema ta' frott, ħaxix u ħalib għall-iskejjel*

Din il-proposta temenda r-Regolament il-ġdid għal Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) Unika adottat bħala parti mir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ([5958/14](#)). Din l-emenda għandha l-għan li torganizza l-iskemi eżistenti bil-ħsieb li tiżdied l-effiċjenza u l-effettività tagħhom u li jitnaqqas il-piż amministrattiv. L-iskemi għall-iskejjel dwar il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-frott u l-ħaxix ġew stabbiliti fl-UE fl-1977 u l-2007 rispettivament biex jiġi promoss il-konsum tal-frott u l-ħaxix u l-prodotti tal-ħalib fl-iskejjel. B'mod supplimentari għal din il-proposta, il-Kummissjoni ressqet ukoll proposta li temenda r-Regolament li jiddetermina **miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjniet u rifiużjonijiet** relatati mal-OKS ([6054/14](#)).

Fid-dawl tad-diskussjonijiet fil-Kunsill, il-Presidenza identifikat il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin ([16700/14](#)):

- il-bażi legali tal-proposti;
- l-oġġettiv u l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim;
- il-kriterji għall-allokazzjoni tal-assistenza tal-UE.

Il-Parlament Ewropew beda l-ħidma tiegħu dwar il-proposta f'Lulju 2014. Il-Parlament Ewropew bħalissa qed jaħdem fuq ir-rapport, li mistenni jiġi vvutat fil-livell ta' kumitat fi Frar/Marzu 2015.

– ***Kontrolli uffiċjali***

L-għan tal-proposta dwar kontrolli uffiċjali huwa li tissimplifika u torganizza l-qafas legali eżistenti, sabiex titjieb l-effiċjenza ta' kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri tul il-katina agroalimentari filwaqt li jonqos il-piż għall-operaturi u jiġi żgurat li jkollhom kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni. ([9464/13](#)). Il-proposta għandha wkoll l-intenzjoni li tistabbilixxi sett uniku ta' regoli applikabbli għas-setturi kollha (b'mod partikolari, is-saħħa tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti u l-prodotti sekondarji mill-annimali issa huma inklużi fil-proposta).

Filwaqt li bosta diffikultajiet identifikati fid-diskussjonijiet fil-Kunsill ġew solvuti wara l-preżentazzjoni ta' din il-proposta f'Mejju 2013, il-Presidenza qieset li għadha meħtieġa aktar ħidma dwar il-kwistjonijiet li ġejjin ([16398/14](#)):

- il-finanzjament tal-kontrolli uffiċjali u l-attivitajiet uffiċjali oħra (l-Artikoli 76 sa 84);
- ir-rwol tal-veterinarju uffiċjali ffit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq annimali ħajjin u prodotti ġejjin mill-annimali fl-UE u fuq il-fruntieri tal-UE (l-Artikoli 15, 47 u 53);
- regoli speċifiċi għal kontrolli uffiċjali u azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti fis-setturi differenti koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta (l-Artikoli 15 sa 24).

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' April 2014. Din il-pożizzjoni kienet sussegwentement konfermata mill-Parlament Ewropew li għadu kemm ġie elett f'Lulju 2014.

– ***Saħħa tal-pjanti***

Il-proposta dwar il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti għandha l-għan li tindirizza riskji akbar f'dan il-qasam, li joħorġu minn pesti u mard ġodda. Din ser timmodernizza wkoll strumenti relatati mal-kummerċ intra-UE u l-kummerċ ma' pajjiżi terzi, b'enfasi fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Sorveljanza aħjar u eradikazzjoni bikrija ta' tifqigħat ta' pesti ġodda huma l-għodod li għandhom jintużaw biex tiġi żgurata is-saħħa tal-pjanti ([9574/13](#)).

Flimkien ma' proposti dwar is-saħħa tal-annimali, il-kontrolli uffiċjali (ara hawn fuq) u materjal riproduttiv tal-pjanti (ara hawn taħt), ir-Regolament dwar is-saħħa tal-pjanti għandu l-għan li jsaħħaħ l-infurzar tal-istandards tas-saħħa u s-sikurezza għall-katina agroalimentari kollha kemm hi.

Il-proposti ġew eżaminati mill-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu u l-kwistjonijiet ewlenin ġew iċċarati mill-Presidenza matul id-diskussjonijiet mal-Istati Membri ([16414/14](#)).

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' April 2014. Ser jinbeda kuntatt politiku mal-Parlament ladarba mandat għal negozjati jiġi adottat mill-Kunsill.

– ***Leġislazzjoni żooteknika***

Il-proposti għal leġislazzjoni żooteknika ġdida jimmiraw għal speċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini li jipprovdu f'qafas legali wieħed il-prinċipji u r-regoli li jirregolaw is-soċjetajiet tat-tniissil u l-attivitajiet tagħhom u l-kontrolli uffiċjali applikabbli għalihom. ([6444/14](#) u [6445/14](#)). Dawn jippromwovu l-kummerċ ħieles fit-tniissil tal-annimali u l-materjal ġenetiku tagħhom filwaqt li jikkunsidraw is-sostenibbiltà ta' programmi tat-tniissil u l-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi.

Il-proposti ġew eżaminati mill-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu u l-Presidenza identifikat il-kwistjonijiet ewlenin imqajma mit-testi permezz ta' kontributi mill-Istati Membri ([16367/14](#)).

Il-Parlament Ewropew għadu kif beda l-eżami tiegħu tal-proposta u huwa mistenni li jadotta l-pożizzjoni tiegħu f'nofs l-2015.

AFFARIJET OĦRAJN

– Implimentazzjoni tal-obbligu tal-iżbark

Il-Presidenza infurmat lill-Ministri dwar il-progress ta' diskussjonijiet bejn il-Kunsill u l-PE rigward ir-Regolament "omnibus", bi tħejjija għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art.

Il-Presidenza indikat li l-ewwel trilogu skedat sar fl-10 ta' Diċembru 2014. Il-partijiet għamlu progress tajjeb fuq għadd ta' kwistjonijiet iżda qbil dwar il-pakkett kollu ma setax jintlaħaq minħabba opinjonijiet diverġenti dwar il-kamp ta' applikazzjoni. Il-Parlament jargumenta favur li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta jiġi limitat għal 2015 biss (ħut pelaġiku u l-Baħar Baltiku) filwaqt li l-Kunsill qed ikompli jinsisti li Regolament "omnibus" għandu jkopri l-fażijiet kollha tal-obbligu tal-ħatt l-art.

Filwaqt li jappoġġaw l-isforzi u l-approċċ tal-Presidenza, bosta Stati Membri ddispjaċihom għad-dewmien fit-tħejjijiet tar-Regolament "omnibus". Huma esprimew tħassib dwar l-inkonsistenzi possibbli ġenerati minn din is-sitwazzjoni u ħeġġu lill-Presidenza u lill-Kummissjoni biex jiffinalizzaw ftehim mal-Parlament malajr kemm jista' jkun.

Objettiv ċentrali tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) riformata huwa l-eliminazzjoni progressiva tal-iskartar tal-ħut fis-sajd kollu tal-UE permezz tal-introduzzjoni ta' obbligu tal-ħatt l-art tal-qabdiet kollha. Sabiex l-obbligu tal-ħatt isir operattiv, għandhom jitneħħew jew jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet fil-miżuri tekniċi u r-regolamenti ta' kontroll attwali. Il-bidliet kollha identifikati ġew miġbura f'test wieħed, l-hekk imsejjaħ Regolament "omnibus" propost mill-Kummissjoni.

– Simplifikazzjoni tal-politika agrikola

Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Ministri l-elementi ewlenin tal-aġenda tas-simplifikazzjoni li nediet biex tnaqqas il-piżijiet li jżidu l-ispejjeż għall-bdiewa u operaturi oħra.

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tissimplifika l-leġislazzjoni agrikola. Ħafna indikaw l-"ekoloġizzazzjoni" tal-PAK bħala prijorità għas-simplifikazzjoni. Xi wħud saħqu li s-simplifikazzjoni tar-regoli għall-indikazzjonijiet ġeografiċi m'għandhiex twassal għal dgħufien tal-qafas.

Il-Kummissjoni identifikat oqsma fejn jistgħu jiġu ssimplifikati ir-regoli:

- il-proposti attwali kollha għandhom jagħtu l-frott f'termini ta' simplifikazzjoni;
- Regolamenti tal-Kummissjoni li jimplementaw tal-OKS (Organizzazzjoni Komuni tas-Suq) ser jiġu riveduti biex jitnaqqas in-numru tagħhom;
- pagamenti diretti (inkluż rieżami tar-regoli dwar l-erjas b'fokus ekoloġiku wara l-ewwel sena ta' applikazzjoni);
- regoli għal Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandhom jiġu eżaminati mill-qrib sabiex jiżguraw li dawn huma effettivi u sempliċi kemm jista' jkun.

– ***Il-35 u s-36 konferenza tad-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti tal-UE***

Id-delegazzjoni Griega u l-Presidenza ppreżentaw il-konklużjonijiet tal-35 u s-36 konferenza tad-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti tal-UE li saru rispettivament f'Komotini (il-Greċja) mid-9 sal-11 ta' April 2014 u f'Ruma mill-10 sat-12 ta' Novembru 2014 (*16615/14; 16631/14*).

Il-konferenzi tad-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti jsiru kull sitt xhur, fil-pajjiż li f'dak iż-żmien ikollu l-Presidenza tal-UE.

Is-suġġetti ewlenin tal-35 Konferenza fil-Greċja kienu l-implimentazzjoni tar-riforma tal-PAK għall-perijodu 2014-2020 u l-isforz biex jitnaqqsu r-rati ta' żball fin-nefqa agrikola fid-dawl tal-qafas legali l-ġdid.

Is-36 konferenza fl-Italja ddiskutiet l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ta' "ekoloġizzazzjoni" fil-PAK riformata (b'mod partikolari erjas b'fokus ekoloġiku jew EFAs), ir-rati ta' żball fin-nefqa agrikola u l-opinjoni ta' verifika dwar il-legalità u r-regolarità fir-rigward tal-fondi agrikoli.

– ***Miżuri addizzjonali għas-settur tal-frott u l-ħaxix***

Il-Kunsill ħa nota tat-talbiet tad-delegazzjoni Pollakka dwar miżuri addizzjonali għas-settur tal-frott u l-ħaxix, b'mod partikolari t-tuffieħ (*16317/14*) u ta' domanda simili tad-delegazzjoni Spanjola u dik ta' Ċipru li talbu l-estensjoni tar-Regolament delegat tal-Kummissjoni 1031/2014 li jistabbilixxi miżuri temporanji eċċezzjonali oħra ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċertu frott u ħaxix (*16878/14*).

Flimkien ma' dawn id-delegazzjonijiet, xi Stati Membri indikaw li l-estensjoni tal-appoġġ għal ċerti frott u ħaxix adottata mill-Kummissjoni għandha tkunu adattata aħjar għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi affettwati. Dawn qiesu li għandha tiġi adattata l-kamp ta' applikazzjoni jew il-perijodu miżmum għall-applikazzjoni tal-miżuri.

– ***Is-sitwazzjoni tas-suq tal-laħam tal-majjal***

Id-delegazzjoni Belġjana, Daniża, Irlandiża, Franċiża, Ungeriża, Pollakka u dik Rumena, appoġġati mid-delegazzjoni Estonjana u dik Awstrijaka, esprimew it-tħassib tagħhom dwar is-sitwazzjoni tas-suq tal-laħam tal-majjal fid-dawl tar-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni Russa (*16674/14*).

Xi delegazzjonijiet kellhom l-istess tħassib ta' dawn l-Istati Membri u talbu l-introduzzjoni ta' skema temporanja ta' appoġġ għal ħżin privat li għandha tħaffef is-suq qabel ma jkunu jistgħu jinsabu swieq alternattivi. Il-Kummissjoni nnutat li flimkien ma' produzzjoni żejda f'xi Stati Membri, l-embargo Russu kien ukoll responsabbli għal din is-sitwazzjoni. Filwaqt li fakkar lid-delegazzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet baġitarji attwali, huwa indika r-rieda tiegħu li jevalwa mill-ġdid is-sitwazzjoni fil-bidu tas-sena d-dieħla.

– ***Programm tal-iżvilupp rurali għall-perijodi 2007-2013 u 2014-2020***

Il-Kunsill kien infurmat mid-delegazzjoni Pollakka flimkien mad-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Griega, Kroata, Ċiprijotta, Litwana, Ungeriża, Maltija, Rumena, Slovena u dik Slovakka dwar talba biex tiġi estiża l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-programmi tal-iżvilupp rurali 2007-2013.

Xi Stati Membri oħra appoġġaw din l-inizjattiva li għandha tippermetti użu aħjar tal-fondi għall-iżvilupp rurali. Il-Kummissjoni biġsiebha tħaffef l-adozzjoni ta' programmi tal-iżvilupp rurali iżda tista' tesplora l-possibiltà li testendi l-eliġibbiltà jekk meħtieġ.

Il-perijodu ta' programmazzjoni għall-programmi tal-iżvilupp rurali mill-2007 sal-2013 huwa ppjanat li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru ta' din is-sena. Madankollu, id-delegazzjonijiet imsemmija hawn fuq saħqu li dan il-limitu taż-żmien għandu jiġi pospost b'sitt xhur biex jippermetti l-użu sħiħ u effettiv ta' fondi fl-Istati Membri, b'mod partikolari dawk affettwati mis-sitwazzjoni ekonomika diffiċli u dawk li qed jipparteċipaw fil-programm LEADER.

Dwar l-istess kwistjoni, il-Presidenza infurmat ukoll lill-Ministri dwar l-approvazzjoni ta' programmi tal-iżvilupp rurali għall-perijodu 2014-2020 u dwar it-trattament tal-impenji tal-2014 tal-programmi kofinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Barra minn hekk, id-delegazzjoni Belġjana talbet estensjoni tal-arranġamenti transizzjonali għal programmi tal-iżvilupp rurali biex tiżgura kontinwità effettiva bejn il-perijodi ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020.

– ***Ħsara lill-foresti kkawżata minn xita bis-silġ***

Id-delegazzjoni Ungeriża informat lill-Ministri dwar il-ħsara serja lill-foresti kkawżata minn kundizzjonijiet tat-temp estremi reċenti, b'mod partikolari xita bis-silġ li bniet saff oħxon ta' silġ kemm fuq il-veġetazzjoni kif ukoll fuq il-ħamrija.

Il-kobor eżatt tad-danni għadu diffiċli biex jiġi stmat, billi l-parti l-kbira taż-żona milquta għadha inaċċessibbli. Madankollu, l-Ungerija biġsiebha tikseb iktar data dwar id-danni minn Jannar 2015 'il quddiem. Fuq din il-bażi, ir-riżorsi li huma potenzjalment disponibbli barra l-programm tal-iżvilupp rurali 2014-2020 ser jintużaw għal attivitajiet ta' restawr. Il-Kummissjoni elenkat il-miżuri finanzjarji li jistgħu jittieħdu sabiex jikkompensaw għad-danni għal foresti Ungeriżi.

– ***Liġi dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti***

Il-Presidenza infurmat lill-Ministri dwar is-sitwazzjoni attwali tad-diskussjonijiet dwar ir-Regolament dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti. L-oġettiv ewlieni tal-proposta huwa li tiggarantixxi s-saħħa, l-identità u l-kwalità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti (inklużi żrieragħ u materjal riproduttiv tal-pjanti) għall-utenti, b'mod partikolari il-bdiewa.

B'segwitu tar-rifjut tal-proposta tal-Kummissjoni mill-Parlament fl-ewwel qari fil-11 ta' Marzu 2014, il-Kunsill ħa pożizzjoni dwar il-kwistjoni f'Ġunju 2014 u fil-5 ta' Diċembru 2014. Il-Presidenza indirizzat ittra lill-Kummissjoni fejn talbitha tippreżenta l-emendi għat-test dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti kif mitlub mill-Kunsill malajr kemm jista' jkun. L-ittra enfasizzat li billi l-proposta hija parti minn pakkett ta' regolamenti ġodda dwar il-kontrolli uffiċjali, is-saħħa tal-pjanti u s-saħħa tal-annimali, kwalunkwe dewmien ulterjuri mal-proposta jista' jwassal għal miżallinjament ta' leġislazzjoni, b'konsegwenzi serji għas-setturi kollha involuti.

Il-Kummissjoni ser tikkunsidra kif tirrispondi għal din id-domanda matul il-jiem li ġejjin.

– ***Laqgħa dwar it-trattament xieraq tal-annimali***

Il-Kunsill kien infurmat mid-delegazzjoni Daniża, Ġermaniża u dik tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar l-eżitu ta' laqgħa ministerjali trilaterali dwar it-trattament xieraq tal-annimali li saret fl-14 ta' Diċembru 2014 f'Vugħt fil-Pajjiżi l-Baxxi ([16654/14](#)). F'dan il-kuntest, kienet adottata dikjarazzjoni konġunta mit-tliet Stati Membri([16923/14](#)).

Xi Stati Membri appoġġaw l-inizjattiva. Madankollu xi oħrajn nnotaw li b'kont meħud tal-livell għoli ta' standards tal-UE għat-trattament xieraq tal-annimali, trattament ugwali fost il-produtturi tal-UE u mhux tal-UE għandu jiġi żgurat u għandha tingħata prijorità lil infurzar aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti.

Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi qiesu li l-UE għandha taħdem aktar fuq il-politika u r-regolamentazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali u tiffoka fuq:

- regolamentazzjoni aħjar, biex tiżviluppa proposti għal leġislazzjoni aktar sempliċi u moderna fil-qasam;
- trattament xieraq aħjar, biex jittejjeb il-livell attwali ta' trattament xieraq tal-annimali f'diversi oqsma fejn teżisti l-leġislazzjoni;
- promozzjoni tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' trattament xieraq tal-annimali.

– ***Indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini tal-ikel***

Il-Presidenza stiednet lill-Kummissjoni biex tippovdi informazzjoni lill-Kunsill dwar ir-rapporti fuq l-applikabbiltà u l-adattezza tal-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għal ċertu tip ta' ikel li l-Kummissjoni kellha tippreżenta sat- 13 ta' Diċembru 2014 ([16825/14](#)).

Skont ir-Regolament 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lil konsumaturi (tikketta tal-ikel), il-possibbiltà ta' rekwiżit obbligatorju għall-indikazzjoni tal-oriġini fuq it-tikketta ta' ċerti prodotti tal-ikel għandha tiġi kkunsidrata f'rapport li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fattibbiltà u analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' tali miżuri, inklużi l-impatt legali fuq is-suq intern u l-impatt fuq il-kummerċ internazzjonali.

Il-Kummissjoni kkonfermat li dawn ir-rapporti ser jiġu ppreżentati fil-bidu tas-sena d-dieħla.

– ***Telf għal min irabbi n-naħal kkawżat minn għasafar li jpassu***

Id-delegazzjoni ta' Ċipru infurmat lill-Kunsill dwar it-telf imġarrab minn dawk li jrabbu n-naħal b'riżultat ta' għasafar migratorji li jieklu n-naħal u appellat lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibbiltà ta' kumpens għal dawk li jrabbu n-naħal affettwati minn dak it-telf ([16776/14](#)).

Il-Kummissjoni enfasizzat li l-għodod huma disponibbli, b'mod partikolari fil-programm tal-iżvilupp rurali ppreżentat minn Ċipru biex jindirizza din il-problema u infurmat dwar id-disponibbiltà tagħha li tagħti gwida lil Ċipru dwar kif jużahom.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

LIĠI DWAR L-IKEL

Kaseini maħsuba għal konsum mill-bniedem

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali dwar abbozz ta' Direttiva dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward kaseini u kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([15875/14](#)).

L-abbozz ta' Direttiva għandu l-għan li

- jallinja d-dispożizzjonijiet li jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni mar-regoli introdotti mit-Trattat ta' Lisbona;
- jallinja r-rekwiżiti ta' kompożizzjoni ta' kaseini u kaseinati mal-istandard rilevanti tal-Codex Alimentarius;
- jaġġorna d-dispożizzjonijiet applikabbli għal kaseini u kaseinati b'kont meħud tal-leġislazzjoni tal-UE adottata sadanittant.

AGRIKOLTURA

Eżenzjoni mit-taxxa ta' Ċipru fuq il-karburant fl-agrikoltura

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar it-talba minn Ċipru għall-għoti ta' għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-karburant tal-magni użat għal għanijiet agrikoli ([16616/1/14](#)).

Il-bdiewa f'Ċipru ġew affettwati ħażin ħafna mill-kriżi ekonomika u finanzjarja fil-pajjiż, nixfa reċenti u l-projbizzjoni Russa fuq prodotti agrikoli. F'dan il-kuntest, Ċipru ppropona li jnaqqas il-piż fuq il-bdiewa tiegħu billi estenda l-eżenzjoni mit-taxxa eżistenti fuq karburant tal-magni użat għal għanijiet agrikoli.

Skont il-linji gwida Komunitarji għal għajjnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u tal-forestrija għall-2007-2013, kien possibbli li jingħataw rati tat-taxxa mnaqqsqa u eżenzjonijiet minn taxxa agrikola, bl-applikazzjoni ta' livell ta' tassazzjoni li jinżel għal zero. B'avantaġġ meħud minn din il-possibbiltà, mill-2004, il-leġislazzjoni Ċiprijotta pprovdiet għal għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' din l-eżenzjoni mit-taxxa. Madankollu, il-linji gwida tal-UE għal għajjnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija għall-2014-2020 ma għadhomx jipprevedu għal tali possibbiltà. L-eżenzjoni mit-taxxa eżistenti inkwistjoni ma ġietx revokata b'segwitu tal-linji gwida ġodda tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat. Ċipru jixtieqha tiġi estiża mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2014 qabel il-konformità mar-regoli ġenerali għal għajjnuna mill-Istat mill-1 ta' Jannar 2015.

Din l-estensjoni hija skont it-termini tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 108(2) TFUE, skont liema hija meħtieġa l-unanimità biex jiġi deċiż li għajjnuna għall-Istat speċifika ser titqies kompatibbli mas-suq intern.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar rapport speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)

- Nru 4/2014 intitolat "L-integrazzjoni tal-oġġettivi ta' politika tal-ilma tal-UE mal-PAK: suċċess parzjali" ([15563/14](#));
- Nru 8/2014 intitolat "Il-Kummissjoni mmaniġġjat b'mod effettiv l-integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat fl-Iskema ta' Pagament Uniku?" ([15564/14](#));
- Nru 9/2014 intitolat "L-appoġġ tal-UE għal investiment u promozzjoni għas-settur tal-inbid huwa mmaniġġjat tajjeb u r-riżultati tiegħu dwar il-kompetittività tal-inbejjed tal-UE huma dimostrati?" ([15565/14](#)).

Rigward ir-rapport Nru 4/2014, il-Kunsill iqis li l-agrikoltura għandha rwol importanti x'taqdi fil-ġestjoni sostenibbli tal-kwantità u l-kwalità tal-ilma. Għadd ta' rakkomandazzjonijiet tal-QEA diġà ġew indirizzati fir-riforma tal-PAK tal-2013. Barra minn hekk, l-għodod u l-mekkaniżmi huma pprovduti fil-qafas tal-iżvilupp rurali għall-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma. Il-Kunsill jenfasizza l-promozzjoni tat-tkabbir fis-settur tal-biedja flimkien mal-kontribuzzjoni għall-ambjent.

Rigward ir-Rapport Nru 8/2014, il-Kunsill jinnota li r-rapport jidentifika l-iżbalji li għandhom jiġu evitati fil-futur. Madankollu, il-modalitajiet ta' diżakkoppjament fl-UE jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, minħabba d-diversità ta' speċifikitajiet nazzjonali u reġjonali. Barra minn hekk, fil-qafas tar-riforma tal-PAK, regoli ġodda għall-pagamenti diretti jipprevedu li l-Istati Membri ser jimplimentaw l-appoġġ akkoppjat f'ċerti setturi jew reġjuni f'każijiet definiti b'mod ċar, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Linji gwida ċari dwar l-iskemi ta' pagament dirett għandhom jiġu pprovduti mill-Kummissjoni.

Dwar ir-rapport Nru 9/2014, il-Kunsill jenfasizza l-fatt li l-appoġġ għal kemm l-investimenti kif ukoll il-promozzjoni provduti mill-PAK ta' spiss ikkontribwixxa għat-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tal-inbid tal-UE. Madankollu, il-Kunsill jinnota li minkejja li għandha tingħata preferenza lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), la l-azjendi u lanqas id-ditti l-kbar ma għandhom jiġu esklużi mill-iskemi, billi huma jgħinu lill-produtturi tal-inbid tal-UE jiksibu aċċess fi swieq ta' pajjiżi terzi u r-reputazzjoni tagħhom f'dawk is-swieq sikwit ikollha effett multiplikatur fuq l-SMEs.

SAJD

Opportunitajiet tas-sajd tal-baħar fond għall-2015-2016

Il-Kunsill adotta Regolament li jistabbilixxi għall-2015 u l-2016 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond ([15459/14](#)).

Intlaħaq qbil politiku dwar dan ir-Regolament fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd f'Novembru ta' din is-sena ([15282/14](#)). Dan il-qbil politiku jikkonċerna ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond bħal ċerti klieb il-baħar tal-baħar fond, iċ-ċinturin iswed (*Aphanopus carbo*), ir-roundnose grenadier (*Coryphaenoides rupestris*) u r-roughhead grenadier (*Macrourus berglax*), alfonsinos (*Beryx spp.*), il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) u l-lipp abjad (*Phycis blennoides*).

Mill-2003 'l hawn, l-opportunitajiet ta' sajd għall-ispeċijiet tal-baħar fond ġew stabbiliti kull sentejn fil-livell tal-UE.

Sajd illegali - Il-Beliże jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li temenda l-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) ([15295/14](#))

Din id-Deċiżjoni tneħħi lill-Beliże mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Jidher li l-Beliże implimenta l-obbligi tiegħu tal-liġi internazzjonali u adotta qafas legali adegwat għall-ġlieda kontra s-sajd IUU.

F'Marzu 2014, il-Kunsill ta bidu għal serje ta' miżuri li jaffettwaw il-kummerċ fi prodotti tas-sajd u attivitajiet oħra relatati mas-sajd mal-Beliże, il-Kambodja u l-Ginea sabiex jitwaqqfu l-benefiċċji kummerċjali li jirriżultaw minn attivitajiet ta' sajd illegali. Prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti minn dawn il-pajjiżi ser jiġu pprojbiti milli jiġu importati fl-UE.

Ir-Regolament 1005/2008 jistabbilixxi sistema Komunitarja li timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU. L-istrument ewlieni fil-ġlieda kontra s-sajd illegali jimmira li jitħalla aċċess għas-suq tal-UE biss għal prodotti tas-sajd li jkunu ġew iċċertifikati bħala legali mill-Istat tal-bandiera jew mill-Istat ta' esportazzjoni kkonċernat.

Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Kap Verde - Protokoll ġdid

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar l-iffirmar, fisem l-UE, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll bejn l-UE u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn iż-żewġ partijiet ([15845/14](#)).

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u l-Kap Verde daħal fis-seħħ fl- 2007. L-oġettiv ewlieni tal-protokoll għal dan il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd huwa li jiddefinixxi l-opportunitajiet tas-sajd offriti lill-bastimenti tal-UE. Wara dawn in-negozjati, protokoll ġdid ġie inizjalat fit-28 ta' Awwissu 2014, għal perijodu ta' erba' snin, bil-protokoll preċedenti jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2014. Sabiex il-bastimenti tal-UE jkunu jistgħu jkomplu jwettqu attivitajiet tas-sajd, il-protokoll il-ġdid għandu jiġi applikat mid-data tal-iffirmar tiegħu fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni formali tiegħu.

Minbarra l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-protokoll, il-Kunsill adotta wkoll Regolament dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri ([15846/14](#)).

Ftehim ta' sħubija bejn l-UE u l-Madagaskar - Protokoll ġdid

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar l-iffirmar, fisem l-UE, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-UE u r-Repubblika tal-Madagaskar ([15227/14](#)).

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u l-Madagaskar daħal fis-seħħ fl-2007. L-oġettiv ewlieni tal-protokoll għal dan il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd huwa li jiddefinixxi l-opportunitajiet tas-sajd offriti lill-bastimenti tal-UE. B'segwitu għan-negozjati, ġie inizjalat protokoll ġdid fid-19 ta' Ġunju 2014, bil-protokoll preċedenti jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014. Sabiex il-bastimenti tal-UE jkunu jistgħu jkomplu jwettqu attivitajiet tas-sajd, il-protokoll il-ġdid għandu jiġi applikat mid-data tal-iffirmar tiegħu fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni formali tiegħu.

Minbarra l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-protokoll, il-Kunsill adotta wkoll Regolament dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri ([15228/1/14 REV 1](#)).

ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI

Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża - Tuneżija

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għall-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorni qosra.

Ftehim dwar ir-riammissjoni - Tuneżija

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għall-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar ir-riammissjoni.

AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Direttiva dwar ir-reqwiziti ta' kapital: reqwizit ta' kopertura tal-likwidità u proporzjon ta' ingranaġġ

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' żewġ Regolamenti li jissupplimentaw l-hekk imsejħa Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital ("DRK4") 2013/36/UE fir-rigward tal-metodoloġija għad-determinazzjoni ta' rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità u għall-kalkolu tal-proporzjon ta' ingranaġġ.

Ir-Regolamenti huma atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Issa jistgħu jidħlu fis-seħħ, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

Fil-preżent ma hemm l-ebda rekwiżit fil-liġi tal-UE li jissodisfa rekwiżit ta' fondi proprji abbażi tal-proporzjon ta' ingranaġġ. Iżda l-istituzzjonijiet ser ikunu meħtieġa li jiżvelaw il-proporzjon ta' ingranaġġ mill-1 ta' Jannar 2015. L-att delegat jemenda l-metodu għall-kalkolu tal-proporzjon ta' ingranaġġ.

UNJONI DOGANALI

Tariffi u kwoti fuq ċerti prodotti

Il-Kunsill adotta Regolament li jemenda r-Regolament Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-UE għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali ([16081/14](#)).

Ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura li jistgħu jiġu importati provvisti adegwati u mingħajr interruzzjoni ta' prodotti li ma jsirux fi kwantità suffiċjenti fl-UE, b'rati ta' dazju tat-Tariffa Doganali Komuni mnaqqsa jew żero għal volumi adatti, mingħajr ma dawn ifixklu s-swieq għal tali prodotti.

Il-Kunsill adotta wkoll Regolament li jemenda r-Regolament Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali ([16082/14](#)).

KULTURA

Kapitali Ewropej tal-Kultura 2020-2033¹

Il-Kunsill ħatar it-tliet esperti li ġejjin bil-bord ta' għażla u monitoraġġ għall-azzjoni Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-perijodu 2015-2018:

- Is-Sur Pauli Sivonen,
- Is-Sur Ulrich Fuchs,
- Is-Sinjura Aiva Rozenberga

L-esperti kienu rrakkomandati mill-Finlandja, il-Ġermanja u l-Latvja, f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-arranġamenti prattiċi u proċedurali għall-ħatra mill-Kunsill ta' tliet esperti fil-bord tal-għażla². Il-bord għandu total ta' għaxar esperti; is-sebgħa l-oħra huma maħtura mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Reġjuni.

L-għan ġenerali tal-azzjoni hi li tippromwovi fehim reċiproku akbar bejn iċ-ċittadini Ewropej u li ssaħħa il-konsapevolezza ta' ċittadinanza Ewropea, filwaqt li simultanament tenfasizza r-rikkezza tal-kulturi Ewropej u kemm id-diversità kif ukoll il-karatteristiċi kondiviżi tagħhom.

¹ ĠU L 132, 3.5.2014.

² ĠU L 175, 14.6.2014

TRASPORT

Liċenzji ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Regolament li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-liċenzji u r-rekwiżiti tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru ([14342/14](#) + [14342/14 ADD1](#)).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni għandu jiġi adottat skont ir-Regolament 216/2008, li huwa r-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Dan ser jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni 923/2012 u jirrevoka r-Regolament 805/2011.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-Regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzonax.

Interoperabbiltà tas-sistemi ferrovjarji Trans-Ewropej – telematika

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Regolament li jaġġorna r-Regolament 454/2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ([15038/14](#) + [15038/14 ADD1](#)).

L-aġġornament jikkonċerna dokumenti tekniċi emendati f'konformità ma' proċess ta' ġestjoni tat-tibdil imwettaq mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-Regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzonax.

IMPJIEG

Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għal erba' Stati Membri

Il-Kunsill adotta l-erba' Deċiżjonijiet li ġejjin li jimmobilizzaw ammont totali ta' EUR 35.5 miljun taħt il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), li jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja fi Franza, il-Greċja, l-Italja u l-Polonja:

- ammont ta' EUR 25.9 miljun ser jiġi mobilizzat wara li 5 213 impjegat ta' Air France kienu issensjati b'riżultat ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni
- EUR 6.4 miljun ser jitħallsu mill-FEG wara s-sensja ta' 600 ħaddiem tal-intrapriża tal-ħwejjeġ Griega, Odysefs Fokas
- EUR 1.9 miljun ser ikunu disponibbli għal 608 ħaddiem ssensjati tal-kumpanija Whirlpool, manifattur ta' tagħmir elettriku li jopera fl-Italja
- EUR 1.3 miljun oħra ser ikunu mobilizzati wara li 1 079 impjegat tal-Fiat fil-Polonja ngħataw is-sensja.

Il-FEG jgħin lill-ħaddiema jsibu impjiegi ġodda u jiżviluppaw ħiliet ġodda meta jkunu tilfu l-impjieg tagħhom bħala riżultat ta' bidliet fix-xejriet kummerċjali globali, pereżempju meta kumpanija kbira tagħlaq jew fabbrika titmexxa barra l-UE, jew bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. L-għajnuna mill-FEG tikkonsisti f'miżuri ta' kofinanzjament bħal assistenza għat-tiftix ta' impjieg, pariri dwar il-karrieri, taħriġ personalizzat u taħriġ mill-ġdid, iggwidar u promozzjoni tal-intraprenditorija. Hija tipprovdi wkoll appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjieg, allowances għall-mobilità u allowances għal parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' taġġim u taħriġ tul il-ħajja.

TRASPARENZA

Aċċess pubbliku għad-dokumenti

Fil-15 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill approva:

- it-tweġibiet għall-applikazzjonijiet konfermatorji Nru 36/c/05/14 (dok. 15621/14), Nru 37/c/06/14 (dok. 15654/1/14 REV 1), Nru 38/c/07/14 (dok. 15664/1/14 REV 1) u Nru 39/c/08/14 (dok. 15667/1/14 REV 1).